MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Numru. 167/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**

**vs**

**Sylvester James**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Sylvester James ta’ 25 sena, iben Anthony u Helena nee’ Galea, imwieled gewwa l-Pieta’ fit-28 ta’ April, 1986 u residenti gewwa fond numru ‘Nru 62, Triq Indri Cilia, Hamrun, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 209586(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-22 ta’ Novembru 2011, ghall-habta tal-10:45 ta’ filghodu, gewwa Triq Indri Cilia, Hamrun :

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni ABR-814 ghad-dannu ta' Joseph Cutajar u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu (€1164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied ;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika ;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija banda ohra f'dan il-Kodici lil Joseph Cutajar, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni ;

5. Kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fl-4 ta' Lulju 2011 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. E. Grima LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. Kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. A. Vella LL.D) b'sentenza moghtija nhar it-11 ta' Mejju 2011 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' Joseph Cutajar jew

ghaz-zamma ta’ l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta’ l-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li jikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-artikolu 412C tal-Kap. 9 u f’kaz ta’ htija, il-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta’ Frar 2012 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta’ Mejju 2012 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni registrata mill-imputat waqt l-udjenza tal-24 ta’ Mejju 2013 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu izda in kwantu jirrigwarda s-sitt(6) imputazzjoni gie precizat li l-imsemmija sentenza diga’ giet reza operattiva.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat Sylvester James, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena din il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv u li huwa nghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba izda huwa naqas milli jaghmel dan u fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva. In vista tal-fatt li s-sentenza tal-11 ta’ Lulju 2011 indikata fis-sitt imputazzjoni diga’ giet reza operattiva permezz ta’ sentenza tas-27 ta Settembru 2013 moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tirrendi l-imsemmija sentenza operattiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 28A sa H, 31, 49, 50, 325(1)(b), 338(bb), 338(dd), u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah seba’ (7) xhur prigunerija.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ hames mitt Ewro (€500) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Joseph Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------